MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1187/2011

**Zamsul Contractors Ltd**

**Vs**

**Pharmacare Premium Limited**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob hlas ta’ disa’ u sittin elf tlett mija u tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu (€69,380.86) bilanc ghal xoghol li tghid li ghamlet fit-twettiq ta’ appalt li nghatat mill-konvenuta b’kuntratt tal-21 ta’ Dicembru 2009.

Din is-sentenza ser tittratta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li l-kwistjoni m'hijiex ta' kompetenza ta' din il-qorti minhabba l-klawzola arbitrali li hemm fil-kuntratt ta' appalt, u ghalhekk il-qorti ghandha tirreferi l-kaz ghall-arbitragg.

Klawzola 14 tal-kuntratt tipprovdi:-

***"14.01 In the event of any dispute arising out of or in connection with this Agreement, including any question relating to its validity, interpretation, breach or termination, such dispute shall be referred to arbitration in accordance with the Malta Arbitration Act.***

***14.02 The number of arbitrators shall be equal to the number of Parties to the dispute plus one, one (1) arbitrator to be appointed by the Parties to the dispute, and in default by the Malta Arbitration Centre pursuant to the Malta Arbitration Act, and the last to be appointed by the Chairman of the Malta Arbitration Centre.***

***14.03 Notwithstanding the provisions of the preceding sectinos, the Parties undertake to use all reasonable endeavours to settle amicably any dispute arising out of or in connection with this Agreement.***

***14.04. The place of arbitration shall be Malta.***

***14.05. The costs and fees of the arbitration shall be shared equally between the Parties.***
***14.06 This Article 14.00 is without prejudice to either of the Parties rights or remedies provided by law or under this Agreement, including the right to seek or commence legal proceedings or take whatever action is available to it at law.***

***14.07. Nothing in this Article 14.00 shall prevent either Pharmacare or the Contractor from seeking immediate preventive relief such as an injunction or the equivalent."***.

Ma tressaq l-ebda taghrif dwar min abbozza l-ftehim u lanqas provi dwar x'kien il-hsieb wara dak li jinghad fil-klawzola arbitrali.

Bejn il-kontendenti m'huwiex kontestat li l-kwistjoni li hemm bejn il-kontendenti taqa' taht il-klawzola 14.01 tal-ftehim. Madankollu l-attrici ssostni li:-

i. Gialadarba l-konvenuta ma pproceditx skond l-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg, m'ghandix jedd li tinvoka l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12[1].
ii. Minhabba dak li jinghad fi klawzola 14.06 tal-klawzola arbitrali, l-attrici kellha kull jedd li tirreferi l-kaz quddiem il-qorti.

L-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg jipprovdi:-

*"minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali* ***tista'*** *f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il- procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti."*.

Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-konvenut ma ghamilx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt tieghu. L-eccezzjonijiet jinghataw permezz ta' twegiba guramentata. Madankollu taht l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 il-konvenut ghandu l-opportunita li qabel jipprezenta t-twegiba guramentata, jipprezenta rikors biex il-qorti tissoprasjedi minhabba l-

[1] F'dan il-kuntest ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz **Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana** tal-10 ta' Jannar 2012. Sentenza li ghadha sub judice peress li gie appellata.

klawzola arbitrali. Ir-rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-ligi tghid li l-parti fil-procediment *"....**tista'** f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procediment,....."*. Il-kelma ***"tista"*** taghti lil din il-qorti x'tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tipprezenta rikors u titlob is-soprasessjoni. Jidher li l-ghan wara dan il-provvediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f'dak l-istadju jkollu l-fakolta li ma joqghodx jipprezenta twegiba guramentata u jidhol fi spejjez zejda[2]. Dan iktar u iktar meta tqies li klawzola arbitrali ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-qorti, izda taghti biss lok biex il-qorti twaqqaf il-procediment (Artikolu 742[3] tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-qorti ma tistax tikkonkludi li n-nuqqas li jigi prezentat rikors ifisser telfien ghad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawzola arbitrali fit-twegiba guramentata, jew li qieghed jirrinunzja ghall-arbitragg[3]. Klawzola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim ghandu l-forza tal-ligi[4]. Bhal rikors, it-twegiba guramentata hi wkoll att gudizzjarju. M'ghandux ikun li persuna li trid tinvoka klawzola arbitrali u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, tigi pregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat twegiba guramentata fejn invokat il-klawzola arbitrali u li ghandha twassal biex il-qorti tordna l-waqfien tal-proceduri quddiemha. Fil-fehma tal-qorti l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef formalizmu bla bzonn, u l-ligi qeghda biss toffri alternattiva inqas ghalja.

M'hemmx dubju li l-mod kif inkitbet il-klawzola arbitrali m'huwiex wiehed felici. Hu fl-interess tal-partijiet li klawzoli li jirrelataw ghal *dispute resolution*, jinkitbu f'termini mhux ambigwi biex jigu evitati kwistjonijiet bla bzonn. Fi klawzola 14.01 jinghad li kwistjonijiet li jirrizultaw jew huma konnessi mal-ftehim: *"....**shall be** referred to arbitration in accordance with the Malta Arbitration Act."*. Il-kliem *"shall be"* jatuk x'tifhem li l-partijiet huma marbutin

---

[2] Tant hu hekk li l-Artikolu 15(8) tal-Kap. 387 jipprovdi li l-prezentata ta' rikors ghal soprasessjoni ggib maghha is-sospensjoni tat-terminu ghall-prezentata tat-twegiba guramentata, sakemm tinghata decizjoni fuq it-talba.

[3] Ara sentenza **Joseph W. Micallef nomine vs Leo Grech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino), fir-rigward ta' rinunzja ghall-arbitragg meta ma tigix sollevatta opposizzjoni.

[4] Artikolu 992 tal-Kodici Civili.

li jirreferu l-ilment ghall-proceduri ta’ arbitragg. Madankollu l-qorti ma tistax tiskarta dak li jinghad fi klawzola 14.06, li kuntrarjament jaghti x’tifhem li kull parti ghal ftehim ghandha l-ghazla li taghmel kawza quddiem il-qorti. Dan ikun ifisser li l-klawzola kompromissorja hi ta’ natura diskrezzjonali. Wiehed jista’ jithajjar jargumenta li fi klawzola 14.06 il-partijiet kienu qeghdin jirreferu ghad-dritt li jirreferu kwistjonijiet lill-qorti fil-kors tal-proceduri ta’ arbitragg, fit-termini tal-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12[5]. Madankollu l-kliem, *“...including the right to seek or commence legal proceedings or take whatever action is available to it at law.”*, hu tant wiesgha li ma jippermettix lill-qorti li taghti interpretazzjoni fis-sens li l-arbitragg hu mandatorju. Fil-fehma tal-qorti dawn huma klawzoli konfliggenti, u ghalhekk il-klawzola arbitrali ghandha tigi nterpretata fis-sens li taghti ghazla lill-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Artikolu 742(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li minkejja l-arbitragg il-qorti xorta ghandha s-setgha *"li taghti kull ordni jew direttiva."*.